## *Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 351 tal-1 ta' Frar 2016 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari

Fis-Seduta 350 ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2016, meta l-Onor. Robert Cutajar talab lis-Sedja biex tintervjeni fir-rigward ta' mistoqsijiet parlamentari li kien issottometta, huwa qal hekk:

> "Se nerġa' ndaħħal dawn il-mistoqsijiet parlamentari biex, jekk Alla jrid, nhar it-Tnejn ma nibqgħux... Sur President, nitlob lis-Sedja tintervjeni wkoll, għaliex mhux ġust li titlob domanda sempliċi għal darba, darbtejn, tlieta u erbgħa biex il-Ministru jgħidli wkoll kemm huma dawk in-nies li twaqqfilhom is-servizz u jibqa' ma jagħtinix ir-risposta.
>
> Sur President, f'din il-Kamra hemm bżonn li bis-serjetà dan it-tip ta' risposti finti li tibqa' ma tiħux ... Nitlob lis-Sedja tintervjeni, għaliex mhux ġust li għal darba, darbtejn, tlieta, erbgħa, jibqa' jkollna dan in-nuqqas ta' tweġibiet!"

Is-Sedja rat għal liema domandi parlamentari l-Onor. Robert Cutajar kien qed jirreferi. Fil-fatt, mir-riċerka li għamlet is-Sedja tad-domandi parlamentari li l-Onor. Robert Cutajar għamel lill-Ministru Michael Farrugia, sabet li l-ewwel waħda hija d-domanda 16339. Is-suġġett kien 'Aġenzija Appoġġ – Tibdil fl-Operat' fejn l-Onor. Robert Cutajar staqsa hekk:

> "Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet sabiex jinbidel l-operat eżistenti tal-Aġenzija Appoġġ? Jekk iva, jista' jgħid x'inhuma dawn il-pjanijiet u meta se jidħlu fis-seħħ?"

Din id-domanda parlamentari saret fil-21 ta' Mejju 2015. Ir-risposta tal-Ministru Michael Farrugia ngħatat fis-Seduta 267 tal-25 ta' Mejju 2015 u kienet tgħid hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant ir-risposta tingħata f'seduta oħra."

Kien hemm imbagħad id-domanda parlamentari 17166, li s-suġġett tagħha kien 'Djar residenzjali għall-persuni b'diżabilità – Konsultazzjoni fuq Standards', u din kienet tgħid hekk:

> "Jista' l-Ministru jgħid ma' min saret konsultazzjoni (jekk saret) fit-tfassil tal-Istandards għad-Djar Residenzjali għall-Persuni b'Diżabilità?"

Din id-domanda parlamentari saret fis-16 ta' Ġunju 2015 u l-Ministru Michael Farrugia, li lilu saret id-domanda, fis-Seduta 279 tat-22 ta' Ġunju 2015 wieġeb hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant it-tweġiba tingħata f'seduta oħra."

Imbagħad saru tliet domandi parlamentari li ġew intavolati fid-19 ta' Jannar 2016. L-ewwel waħda hija d-domanda parlamentari 22668 li ġġib it-titlu 'Il-Belt – Twaqqif tas-servizz ta' *Home Help*', fejn l-Onor. Robert Cutajar staqsa lill-Ministru Michael Farrugia:

> "Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 22214 u jgħid għal liema raġuni, bejn Novembru 2015 u Jannar 2016, numru ta' anzjani mill-Belt Valletta twaqqfilhom is-servizz tal-*Home Help* b'mod temporanju jew permanenti?"

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2016, il-Ministru Michael Farrugia rrisponda hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant it-tweġiba tingħata f'seduta oħra."

Id-domanda li kien qed jagħmel referenza għaliha, 22214, kienet saret fis-6 ta' Jannar 2016 u kienet taqra hekk:

> "Jista' l-Ministru jgħid għal liema raġuni, bejn Novembru 2015 u Jannar 2016, numru ta' anzjani mill-Belt Valletta twaqqfilhom is-servizz ta' *Home Help* b'mod temporanju jew permanenti?"

Il-Ministru Michael Farrugia wieġeb fis-Seduta 343 tat-12 ta' Jannar 2016 u qal hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant it-tweġiba tingħata f'seduta oħra."

Imbagħad kien hemm domanda oħra dwar is-suġġett tat-twaqqif tas-servizz tal-*Home Help* fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar u n-Naxxar, domanda 22667 li saret fid-19 ta' Jannar 2016, fejn l-Onor. Robert Cutajar staqsa lill-Ministru Michael Farrugia hekk:

> "Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 22213 u jgħid kemm kienu dawk ir-residenti fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar u n-Naxxar, lokalità b'lokalità, li bejn Diċembru 2014 u Jannar 2016 twaqqfilhom is-servizz tal-*Home Help* b'mod temporanju jew permanenti?"

Għal din il-mistoqsija fis-Seduta 349 tas-26 ta' Jannar 2016 il-Ministru Michael Farrugia wieġeb hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant it-tweġiba tingħata f'seduta oħra."

Id-domanda 22213, li saret referenza għaliha, kienet saret ukoll mill-Onor. Robert Cutajar fuq l-istess suġġett, il-Ministru Michael Farrugia kien weġibha fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2016 hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant it-tweġiba tingħata f'seduta oħra."

Imbagħad kien hemm l-aħħar domanda li staqsa l-Onor. Robert Cutajar fid-19 ta' Jannar 2016, domanda 22669, lill-Ministru Michael Farrugia dwar 'Impjegati fis-settur tal-*Home Help* trasferiti għaċ-ċentru ta' matul il-jum' fejn staqsa hekk:

> "B'referenza għal mistoqsija parlamentari 22215, jista' l-Ministru jgħid kemm kienu dawk il-ħaddiema li spiċċaw jagħtu s-servizz tagħhom fis-settur tal-*Home Help* u issa qed jaħdmu fiċ-ċentri ta' matul jum, bejn April 2013 u Diċembru 2015?"

Fis-Seduta 350 tas-27 ta' Jannar 2016, il-Ministru Michael Farrugia wieġeb hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant it-tweġiba tingħata f'seduta oħra."

Is-Sedja diġà esprimiet ruħha f'diversi *rulings* oħra dwar x'jgħidu l-Ordnijiet Permanenti li l-Kamra hija marbuta li timxi fuqhom dwar il-kontenut tal-interpellanza u, jekk ikun il-każ, it-tweġibiet tal-interpellanzi li jkunu saru, kemm bil-miktub kif ukoll b'mod orali. Fil-fatt, l-Ordnijiet Permanenti li jitkellmu dwar l-għemil ta' interpellanza, il-ħin ta' għemil ta' interpellanza, ir-regoli marbuta mal-interpellanza u t-tweġibiet, l-interpellanza għal tweġiba orali, in-numru ta' interpellanzi permessi, l-interpellanzi li jistgħu jsiru f'isem membru ieħor, il-mod kif jiġu magħmula l-interpellanzi u l-interpellanzi li jiġu mwieġba oralment jew bil-miktub, huma kollha indikati fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra 26, 27, 28, 29, 30, 31 u 32.

L-Ordni Permanenti preċiż li jitkellem dwar ir-regoli applikabbli għal interpellanzi huwa l-Ordni Permanenti 27. Dan jiddefinixxi b'mod ċar kif għandha tkun l-interpellanza. Pereżempju, jgħid li l-interpellanza m'għandha tippubblika ebda isem jew dikjarazzjoni li ma tkunx assolutament meħtieġa biex l-interpellanza tinftiehem. Jgħid ukoll, pereżempju, li l-interpellanza m'għandhiex titlob opinjoni jew soluzzjoni ta' kwestjoni legali, astratta jew propożizzjoni ipotetika, eċċ.

Fl-ebda mument l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati ma jagħmlu referenza għal kif għandu jkun il-kontenut tat-tweġiba li tkun qiegħda tingħata għall-interpellanza. L-uniku referenza għat-tweġiba hija fl-Ordni Permanenti 28, fejn jingħad li membru li jkun jixtieq risposta orali għall-interpellanza tiegħu għandu jimmarkaha b'asteriska. Dan jirreferi għall-proċedura ta' interpellanza orali, però fl-ebda mument m'hemm indikat kif għandha tkun ir-risposta. Jiġifieri dwar kif għandu jkun il-kontenut tar-risposta, kif għandha tiġi mwieġba domanda, x'referenza jew le għandu jkun hemm għall-interpellanza tal-membru parlamentari, l-Ordnijiet Permanenti huma assolutament siekta.

Din il-pożizzjoni nsibuha wkoll fl-Ordnijiet Permanenti tal-Parlament Ingliż. Tant hu hekk li fl-i*Standing Orders of the House of Commons, Public Business 2015*, insibu li *Standing Order* 22 jgħid hekk:

> "*(4) Where a Member has indicated that a question is for written answer on a named day the Minister shall cause an answer to be given to the Member on the date for which notice has been given, provided that —*
>
> > *(a) notice has appeared at latest on the notice paper circulated two days (excluding Saturday and Sunday) before that on which an answer is desired; and*
> > *(b) a Member may not table more than five such questions on any one day.*
>
> *(5) Notice of a question for oral answer may be given only for answer on the next day on which the Member to whom it is addressed is due to give oral answers; and in respect of each such day the Speaker shall specify the latest date and time at which notice may be*

*given and how many questions are to be printed for each Member answering; and only that number of notices of questions (selected at random from those received in a manner to be prescribed by the Speaker) shall be treated as valid notices received on the day concerned: Provided that the latest date and time specified by the Speaker shall be such as to enable the notices selected to be printed and circulated — ...*"

Dan ifisser li fl-ebda stadju m'hemm provdut li l-Ispeaker għandu b'xi mod jagħti konsiderazzjoni jew le lill-kontenut tar-risposta. L-istess pożizzjoni hija wkoll indikata fil-pubblikazzjoni '*Accountability or inability: to what extent does House of Representatives question time deliver executive accountability comparative to other parliamentary chambers? Is there need for reform?* [online]', ta' Andrew McGowan (Australasian Parliamentary Review, Vol. 23, No. 2), li jiddiskuti hemmx bżonn jew le ta' riforma dwar kif għandha tkun ir-risposta. U b'referenza għal mod kif għandhom jingħataw ir-risposti parlamentari l-awtur jgħid hekk:

"**Answers**
*The House of Representatives standing orders confer only one rule on the content of answers to question without notice – standing order 104 which prescribes that 'an answer must be relevant to the question'. Conversely, questions are subject to the rather detailed provisions contained in standing orders 98 and 100. As* House of Representatives Practice *explains, 'the standing orders and practice of the House have been criticised in that restrictions similar to those applying to the form and content of questions do not apply to answers.' The one standing order applying to answers – the requirement of relevance – tends not to be strictly enforced. This fact is acknowledged by* House of Representatives Practice*, which notes that 'the interpretation given to "relevant" has at times been very wide'. In addition, ministers cannot be obliged to answer a question – a practice common in each of the chambers discussed.*

*In the House of Commons there are no requirements for the answers contained within the standing orders.* Erskine May *– the original and authoritative parliamentary practice guide – describes that 'an answer should be confined to the points contained in the question, with such explanation only as renders the answer intelligible.'* Erskine May *also notes that 'a degree of latitude is given to ministers of the Crown.'*

*In New Zealand, the procedures governing the content of answers are laid out in standing order 377. In summary, it requires that an answer: be concise and confined to the subject; not contain statements of fact, the names of persons, arguments, inferences, imputations, discreditable references to the house or any member, unparliamentary language; and must not refer to the proceedings of a committee or a court. While these requirements are more comprehensive than those of the other chambers, in practice they tend not to be strictly adhered to. As* Parliamentary Practice in New Zealand *describes, 'how [ministers] go about answering questions is largely up to them.'*

*Canadian* House of Commons Practice and Procedure *explains that while there are no explicit procedures governing answers to questions, 'according to practice, replies are to be as brief as possible, to deal with the subject matter raised and to be phrased in language that does not provoke disorder.' Having established this framework, Canadian*

Practice *later explains that 'the Speaker is not responsible for the quality or content of replies', implying that ministers are given a degree of latitude.*'

***The role of the Speaker***
*Question time is undoubtedly the most challenging aspect of the Speaker's role. As Harris explains, 'presiding officers must apply the standing orders fairly and equally at all times, but this is particularly challenging during the highly charged political atmosphere of question time.' The biggest test of a Speaker's independence is the rulings delivered during question time.*".

Dan ifisser li l-pożizzjoni tal-Parlament nostrali qiegħda ċara u anke in linea ma' dik ta' parlamentari oħra fil-Commonwealth, in partikolari mal-pożizzjoni Ingliża, Kanadiża u ta' New Zealand. Kif is-Sedja diġà esprimiet ruħha fid-deċiżjoni li tat fis-Seduta 329 tal-20 ta' Novembru 2015 dwar il-punt imqajjem mill-Onor. Ċensu Galea dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari partikolari, kienet qalet hekk:

"... is-Sedja, filwaqt illi ssostni illi ma għandha l-ebda mansjoni fuq il-kontenut tat-tweġibiet mogħtija għall-mistoqsijiet parlamentari ..."

Minn dan jirriżulta li s-Sedja ma tista' tagħmel l-ebda impożizzjoni lill-Ministri dwar il-kontenut tar-risposti għal mistoqsijiet parlamentari. Għalhekk is-Sedja, fin-nuqqas ta' Ordni Permanenti ċar dwar kif għandha tkun u kif għandha tiġi mwieġba domanda parlamentari, ma tista', fl-ebda mument, tistħarreġ dak li talab l-Onor. Robert Cutajar biex is-Sedja tinvestiga l-kontenut tar-risposti tad-domandi parlamentari li s-Sedja diġà għamlet referenza għalihom.

Għaldaqstant ir-*ruling* huwa deċiż.